**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR190199** **01.02.2018**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI U MIS-SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ U DJALOGU SOĊJALI**

***Fondi Ewropej għax-xiri ta' 'software' u 'hardware' għall-ġlieda kontra l-frodi u l-kriminalità organizzata***

Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Michael Farrugia u s-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali Aaron Farrugia, f'konferenza stampa li saret ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Korp tal-Pulizija taw spjegazzjoni tas-*software* u l-*hardware* li se jinxtraw minn fondi Ewropej u li se jintużaw mill-Korp tal-Pulizija (MPF) fil-ġlieda kontra l-frodi u li jgħinu sabiex jiġu identifikati gruppi kriminali.

L-MPF ingħataw il-fondi taħt il-programm ta' finanzjament *Hercule III*. Is-*software* jiffaċilita l-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' reati ekonomiċi u se jgħin sabiex ikun aktar faċli li din it-tip ta' kriminalità tiġi identifikata, skoraġġata, u mfixkla, kemm fuq livell lokali, kif ukoll reġjonali u nazzjonali, li jinkludi ukoll l-osservazzjoni ta' kriminali li jivjaġġaw minn pajjiż għall-ieħor, gruppi ta' kriminalità organizzata u terroristi.

Il-*hardware* se jgħin sabiex jiġu evitati u miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali, bil-ħsieb li jiġu protetti l-interessi finanzjari ta' Malta u l-Unjoni Ewropea, partikolarment f'operazzjonijiet transkonfinali.

L-uffiċjali tal-Pulizija se jkunu qed jattendu għal taħriġ dwar l-użu u l-manutenzjoni tas-*software* u l-*hardware*.

Il-Ministru Michael Farrugia qal li l-fondi Ewropej se jintużaw biex tissaħħaħ is-sigurtà u tiġi miġġielda l-kriminalità. Preżentament, qed jiġi kkompilat ir-rapport bl-istatistika tal-kriminalità u se jagħti *overview* tar-rata tal-kriminalità f'pajjiżna. Il-Ministru Michael Farrugia qal li hu infurmat li r-rata tal-kriminalità naqset għalkemm il-popolazzjoni u l-affluwenza żdiedet.

Il-Ministru Michael Farrugia qal li s-*software* se jżid l-intelligenza tal-Pulizija. Is-sistema se tiġbor informazzjoni dwar attivitajiet kriminali li jistgħu jwasslu biex jittieħdu l-passi meħtieġa ħalli tiġi miġġielda l-kriminalità ekonomika. Il-ministru qal li s-sistema se żżid l-interoperabilità tal-*units* fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Is-*software* se jiġbor data b'mod intelliġenti u se tintuża minn diversi *units* fil-korp u awtoritajiet esterni. Il-ministru kompla jgħid li s-sistema hija għodda li tintuża minn diversi awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi madwar l-Ewropa.



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Il-Ministru Michael Farrugia qal li l-*hardware* se jgħin il-Pulizija sabiex jiddentifikaw pjanċi u karozzi misruqa, u l-kriminalità fit-toroq tagħna, li eventwalment se tgħin sabiex tiġi pprevenuta u miġġielda l-kriminalità.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Socjali Aaron Farrugia qal li permezz tal-fondi Ewropej u l-għajnuna tal-aġenzija governattiva MEUSAC sar proġett ta' ġid għas-sigurtà tal-pajjiż li minnhom ibbenefikaw il-Korp tal-Pulizija u d-Dwana b'total ta' kważi €1.5 miljun f'fondi tal-UE.

Huwa spjega kif dan il-programm jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Ewropa billi jappoġġja azzjoni kontra irregolaritajiet u frodi, li jaffettwaw il-baġit Ewropew, għax għandu l-għan prinċipali li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-unjoni biex b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija tal-unjoni.

Apparti dan, Aaron Farrugia qal li l-Korp tal-Pulizija sa issa bbenifika minn iktar minn €6 miljun oħra fi proġetti tas-sigurtà taħt il-programm tal-Fond għas-Sigurtà Interna 2014-2020, liema proġetti jinkludu s-sistema tal-*Passenger Name Records* (PNR), kif ukoll tagħmir varju bħal dak tal-forensika, tal-ajruport u tas-*cybercrime*.